# Is-Salib sinjal ta' tama

Ikollna nammettu li meta tħares lejn Ġesù Kristu msallab ma' fiehx xi għaxqa. Wieħed iktar jippreferi jħares lejn Ġesù tarbija fil-maxtura. Imma is-Salib huwa sinjal ta' tama għalina l-insara. Dawk li kkundanaw lil Kristu għall-mewt u rawh minxur mal-għuda tas-salib kellhom quddiemhom sinjal ta' mewt u fl-istess ħin mingħalihom li kellhom rashom mistrieħa mill-ħelsien ta' dan Ġesù li kien ta' xkiel għalihom. Imma ma' nistgħux ma' nsemmux li kien hemm persuna waħda wieqfa u li għarfet li dak ma kienx it-tmiem. Din kienet Ommna Marija li f'dak il-mument l-aktar kritiku hija baqgħet wieqfa minkejja li bdiet tara b'liema prezz tħallas binha għall-ġid u l-mirakli li wettaq mal-poplu t'Alla. Ġesù sal-aħħar mumenti ta' ħajtu baqa' jaqla fuq wiċċu: 'Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajjruh iċaqilqu rashom u jgħidu: "Int li tħott it-tempju u fi tlitt ijiem terġa' tibnih, salva lilek innifsek jekk int l-Iben ta' Alla, u inżel minn fuq is-salib!" Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih mal-kittieba u x-xjuħ u jgħidu: "Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva!".' (Mt27:39-42)

Fil-ħajja tagħna aħna wkoll ikollna mumenti meta s-salib jieħu forom differenti u nħossuh tqil fuq spallejna. Aħna wkoll ngħaddu minn mumenti fejn ma nirċevux apprezzament tax-xogħol u s-sagrifiċċji li nagħmlu fil-familji u l-postijiet tax-xogħol ... Imma wara dak is-Salib kien hemm il-qawmien; Ġesù rebaħ dak is-salib biex jiftħilna l-bieb tas-Saltna t'Alla: is-Saltna li fiha m'hemmx slaleb. Il-ħajja nisranija, il-ħajja sagramentali tal-Knisja u l-missjoni tagħha kollha huma indirizzati għal dik is-Saltna ta' mingħajr slaleb. Għalhekk meta nħares lejn Kristu msallab, għandu jkolli konsolazzjoni spiritwali fil-ħajja tiegħi. Meta s-salib jitqal għandi niftakar li wara kull salib hemm il-mument tal-qawmien, hemm it-tama.

Nagħlaq bi kwotazzjoni minn diskors ta' Sant Andrija ta' Kreta: "Is-salib huwa l-passjoni ta' Alla u s-sinjal tar-rebħa tiegħu: huwa l-passjoni tiegħu, għax bih sofra l-mewt minn rajh; huwa sinjal tar-rebħa tiegħu, għax bih għeleb lix-xitan, ħareġ rebbieħ fuq il-mewt u kisser il-bibien ta' art l-imwiet. Għalhekk is-salib sar is-salvazzjoni ta' kulħadd fid-dinja."

P. Aaron Zahra OP
Pirjol

WWW.OPBIRGU.ORG
FB.COM/OPBIRGU
BIRGUOP@GMAIL.COM




MIT-TELGħA TAL-LUNZJATA
Ħarġa nru. 11
Settembru 2020



# Niskopru l-Katekiżmu flimkien

Laqgħat miftuħa għal kulħadd minn **OTTUBRU S'APRIL** kull nhar ta' Ġimgħa fis-7p.m. fl-Ortarjoru tar-Rużarju fil-Kunvent tal-Lunzjata



## Il-pirjol jirringrazzja lill-għaqdiet kollha involuti fil-festa u l-volontiera kollha.

**800 SAN DUMINKU**
1221 ✷ IL-BIRGU ✷ 2021

# MID-DJARJU TAL-KNISJA TAL-LUNZATA

Il-Ġimgħa 4 ta' Settembru – L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Wara l-quddiesa tal-10a.m. ikollna adorazzjoni meditata u barka sagramentali tal-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.

Nhar is-Sibt 5 ta' Settembru – Anniversarju tal-Familjari u Beneffaturi Mejtin tal-Ordni Dumnikan

It-Tlieta 8 ta' Settembru – Solennita' tat-Twelid tal-Verġni Marija
Quddies: 7.30a.m., 10a.m. u 6:15p.m.

It-Tnejn 14 ta' Settembru – L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes
Fis-5:45p.m Rużarju
Fis-6p.m. Talba tal-Għasar
Fis-6:15p.m. Quddiesa u barka sagramentali.

It-Tlieta 15 ta' Settembru – Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri
Fis-5:45p.m. Rużarju
Fis-6p.m. Talba tal-Għasar
Fis-6:15p.m. Quddiesa għall-membri mejtin tax-Xirka ta' Marija Omm in-niket. Wara tingħad il-Kurunella ta' Marija Addolorata u barka sagramentali.

Il-Ġimgħa 18 ta' Settembru – San Ġwann Macias, Reliġjuż Dumnikan.

Il-Ġimgħa 25 ta' Settembru – San Duminku ta' Soriano
Fis-6p.m. Rużarju
Fis-6:15p.m. Quddiesa bl-omelija u wara kurunella ta' San Duminku u barka sagramentali.

It-Tnejn 28 ta' Settembru – S. Duminku Ibanez De Erquicia u San Ġakbu Kyushei Tomonaga u San Lawrenz Ruiz, Marti Dumnikani tal-Ġappun.

It-Tlieta 29 ta' Settembru – L-Arkanġli Mqaddsa, Mikiel, Gabrijal u Rafel
Wara l-quddiesa tas-10a.m. tingħad il-litanija ta' San Mikiel u barka sagramentali.

L-Erbgħa 30 ta' Settembru – L-Ewwel Jum tat-Tridu tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju
6p.m. Rużarju quddiem Ġesu' Ewkaristija.
6:15p.m. Quddiesa bl-omelija minn P. Aaron Zahra u wara kurunella, kant tal-antifona u barka sagramentali.